

P6_TA(2008)0360

Flotot tas-sajd ta' l-UE affettwati mill-kriżi ekonomika *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jstabilixxi azzjoni temporanja speċifika maħsuba biex jiġi mħeġġeġ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd ta' l-Unjoni Ewropea li huma milquta mill-kriżi ekonomika (COM(2008)0454 - C6-0270/2008 - 2008/0144(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0454),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 36 u 37 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0270/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 134 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinnotifika lill-Parlament jekk għandu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
 4. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.